27 ta' Ġunju, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Wara s-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju 1948 fl-ismijiet:—

"Anna Grech *versus* Giorgio Cardona"

**Appell Inċidentali — Nullità — Art. 238 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili.**

*Il-parti li tappella inċidentalment mhix obligata tagħmel ħaġa oħra fir-risposta għall-petizzjoni ta' l-appell ħlief dikjarazzjoni li trid tipprevalixxi ruħha mill-appell prinċipali biex tappella inċidental-*

*ment. Għalhekk ma hemmx nullità ta' l-appell inċidentali fuq il-motiv illi fir-risposta ma jiġux indikati l-aggravji u l-motivi li fuqhom huwa bażat l-appell inċidentali.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Anna Grech preżentat fis-17 ta' Jannar 1949, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, fejn talbet li bis-saħħa tar-riżerva kontenuta fis-sentenza mogħtija minn dik l-istess Qorti fil-kawża fl-istess ismijiet fit-30 ta' Mejju 1948 jiġi mogħti l-provvediment opportun dwar id-domandi tagħha:— (a) għal ħlas ta' £4. 3. 10 għad-dieta, u mill-15 ta' Ottubru 1948, erbgħa xelini oħra kuljum għall-istess dieta; (b) għal ħlas ta' £3 fix-xahar għal mara li tassistiha;

*Omissis;*

Rat id-digriet mogħti minn dik il-Qorti fit-8 ta' Frar 1949, li bih it-talba ġiet milqugħa għall-ammonti segwenti..........;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti ta' l-imsemmijin Cardona, Farruġia u D'Amato, li talbu li d-digriet fuq imsemmi jiġi revokat in kwantu laqa' l-imsemmijin talbiet ta' l-attriċi u jiġi minflok deċiż għar-riġett tat-talbiet kollha tar-rikorrenti; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' Anna Grech, li pprevaliet ruħha mill-appell avversarju u appellat inċidentalment, u talbet li dak id-digriet jiġi modifikat fis-sens li d-domanda tagħha tiġi milqugħa kollha kif dedotta fir-rikors tagħha tas-17 ta' Jannar 1949: bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

Rat ir-replika ta' l-appellanti, li qabel xejn opponew li l-appell inċidentali ta' l-appellata huwa null, peress li ma hemmx fih ebda menzjoni ta' aggravji u lanqas ta' motivi; u subordinatament id-deċiżjoni in kwantu rrespinġiet il-pretensjonijiet tagħha hija ġusta, salv l-appell tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-appell inċidentali tar-rikorrenti Anna Grech;

Illi l-appellanti jsostnu li dak l-appell huwa null għax fir-risposta ma hemmx ebda menzjoni ta' aggravji u anqas ta' mo-

tivi. Dina l-eċċezzjoni ma tidherx bażata, billi skond il-liġi (art. 238 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), il-parti li tkun trid tipprevalixxi ruħha mill-appell avversarju u tappella inċidentalment mhix obligata tagħmel ħaġa oħra ħlief dikjarazzjoni analoga fir-risposta li tippreżenta quddiem din il-Qorti. Fil-każ in eżami dik id-dikjarazzjoni saret; u għalhekk l-appell inċidentali għandu jiġi ritenut magħmul bil-mod li titlob il-liġi;

*Omissis;*

Għaldaqshekk;

*Omissis;*

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell inċidentali, bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti Cardona, Farrugia u D'Amato;

Tilqa' dak l-appell inċidentali fis-sens li, barra mis-somom imsemmijin fid-digriet appellat, ir-rikorrenti Anna Grech għandha tiġi akkreditata...........;

U fis-sens fuq imsemmi tirriformat id-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fit-8 ta' Frar, 1949, b'dana però li t-terminu ta' 20 ġurnata impost b'dak id-digriet għandu jibda jgħaddi mil-lum.